# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tieni Sena** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## TAQSIMA 1 - STUDJU DWAR L-ISTORJA

### 1. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

1.1 L-istorja turina kif il-bniedem mexa fit-triq tal-progress. Semmi **żewġ** eżempji ta' progress mill-bniedem matul iż-zmien.

______________________________________________________________________ (2)

1.2 L-istorja tgħallimna dwar nies kbar li taw sehem fil-progress tal-bniedem. Semmi **tnejn** min-nies kbar li tgħallimt dwarhom.

______________________________________________________________________ (2)

1.3 Qiegħed dawn il-ġrajjiet mill-istorja medjevali ta' Malta kif seħħew wara xulxin. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-Ordni ta' San Ġwann tasal Malta | |
| 2 | Dragut ħabat għall-gżira t'Għawdex | |
| 3 | Il-Maltin qamu kontra t-tmexxija ta' Monroy | |
| 4 | Ruġġieru II għaqqad il-gżejjer Maltin mas-Saltna ta' Sqallija | |
| 5 | L-Isqof Ġilbertu ġie Malta biex jagħmel ċensiment | |
| 6 | L-Għarab rebħu l-gżejjer Maltin minn idejn il-Biżantini | **1** |

(5 x 1 = 5)

### 2. Agħmel sinjal taħt il-konsegwenza t-tajba għal dawn il-ġrajjiet mill-istorja.

2.1 Il-Miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta fl-1091 irriżultat:

(i) fit-tkeċċija ta' l-Għarab minn Malta.
(ii) fit-tkeċċija tal-Biżantini minn Malta.
(iii) fil-gżejjer Maltin isiru tributarji tal-Konti.
(iv) l-Imdina saret il-belt kapitali ta' Malta.

2.2 L-Ewwel Kruċjata li telqet mill-Ewropa fl-1096 irriżultat:

(i) fit-tkeċċija tal-Misilmin mill-Art Imqaddsa.
(ii) fir-rebħa ta' Ġerusalemm mill-Kruċjati.
(iii) fir-rebħa ta' Kostantinopli mill-Kruċjati.
(iv) fir-rebħa ta' Saladin fuq il-Kruċjati.

2.3 Il-Miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta wasslet biex:

(i) tneħħiet id-Dejma.
(ii) in-nobbli Maltin irrifjutaw li jilqgħu lill-Granmastru.
(iii) is-sibbien Misilmin qatt iżjed ma ħabtu għall-gżejjer Maltin.
(iv) l-Imdina ma baqgħetx il-belt kapitali ta' Malta.

(3 x 1 = 3)
**(Total = 12-il marka)**

**TAQSIMA 2 - STUDJU DWAR L-ISFOND ĠENERALI TA' L-EWROPA**

**3. Ikteb l-ittra fil-kaxxi fil-mappa biex turi fejn jinsabu dawn il-postijiet li jidhru fit-tabella hawn taħt. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 3.1 | **A** | l-Imperu Biżantin |
| 3.2 | **B** | in-Normandija fi Franza |
| 3.3 | **C** | Anġu fi Franza |
| 3.4 | **D** | is-Saltna ta' Aragona |
| 3.5 | **E** | is-Saltna Normanna ta' Ruġġieru II |
| 3.6 | **F** | l-Art Imqaddsa |
| 3.7 | **G** | Rodi |
| 3.8 | **H** | Ġerusalemm |
| 3.9 | **I** | Kostantinopli |




**(Total = 8 x 1 = 8 marki)**

**4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-sistema fewdali fl-Ewropa fil-Medjuevu.**

4.1 In-Normanni kienu l-ġens li ferrxu s-sistema fewdali fl-artijiet li ħakmu fl-Ewropa ta' dak lż-żmien. Ikteb **tliet** sentenzi dwar l-oriġini (kif bdew) in-Normanni.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)



4.2 X'taħseb li qed jagħmel is-sultan f'dan is-sors primarju?

______________________

______________________

______________________ (2)

4.3 Għaliex is-slaten kienu jqassmu partijiet mis-saltna tagħhom lis-sidien fewdatarji?

______________________

______________________

______________________ (2)

4.4 Semmi dmir li kellhom is-sidien fewdatarji lejn is-sultan.

______________________________________________ (2)

4.5 Semmi dmir li kellhom il-bdiewa lejn is-sid fewdatarju tagħhom.

______________________________________________ (2)

4.6 Irrakkonta fil-qosor x'kien ġara f'Malta kontra Monroy fl-1427.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

**(Total = 14-il marka)**

**TAQSIMA 3 - STUDJU ĠENERALI DWAR IT-TMEXXIJA TA' MALTA FIL-MEDJUEVU**

**5. Qabbel il-kariga ma' dawn il-mexxejja ta' Malta fil-Medjuevu. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Tankredi | | Ta lill-Maltin il-Manja Karta tal-Ħelsien fl-1428. |
| 2 | Fonzu V | | kien il-gvernatur Għarbi ta' Malta qabel ġew in-Normanni. |
| 3 | Qadi | **1** | l-aħħar sultan Normann ta' Sqallija. |
| 4 | Juan d'Homedes | | kien il-kap tal-Komun u kien jieħu ħsieb id-dejma. |
| 5 | Garcia de Toledo | | kien Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann bejn l-1536 u l-1553. |
| 6 | Ħakem | | kien il-Viċire ta' Sqallija fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. |

**(Total = 5 x 1 = 5 marki)**

**6. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

6.1 Iċ-ċensiment ta' l-Isqof Ġilbertu sar fi żmien is-Sultan ________________ (1)

6.2 Dan kien sar fl-1241, jiġifieri fis-seklu ____________ (1)

6.3 Fiċ-ċensiment ħareġ li fil-gżejjer Maltin kien hawn tliet reliġjonijiet ewlenin. Dawn kienu:

____________________ ________________ ___________________ (3)

6.4 (i) Iċ-ċensiment ta' l-Isqof Ġilbertu hu eżempju ta' sors ________________ (1)

(ii) Dan jissejjaħ hekk għax ______________________________________ (2)

**(Total = 8 marki)**

**TAQSIMA 4 - STUDJU ĠENERALI DWAR IL-ĦAJJA MALTIJA FIL-MEDJUEVU**

**7. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

7.1 Semmi **żewġ** modi ta' kif kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom il-Maltin ta' dak iż-żmien.

____________________________________________________________ (1)

____________________________________________________________ (1)

7.2 (i) X'waqqfu l-Maltin biex jiddefendu l-gżejjer mill-għedewwa tagħhom?

____________________________________________________________ (1)

(ii) Iddeskrivi fil-qosor kif kienet taħdem din is-sistema ta' difiża tal-gżejjer.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (5)

7.3 Xi ġrajja kienet seħħet f'Malta fl-1429?

____________________________________________

____________________________________________ (2)

7.4 Xi ġrajja kienet seħħet f'Għawdex fl-1551?

____________________________________________

____________________________________________ (2)

7.5 Semmi servizz li kienu jagħtu l-Lhud ta' Malta fis-seklu 15.

____________________________________________ (2)

7.6 Semmi **żewġ** ordinijiet reliġjużi li daħlu f'Malta fil-Medjuevu.

________________________

________________________ (2)

7.7 X'kontribut taw dawn l-ordnijiet reliġjużi għall-bidu tat-tagħlim f'Malta?

____________________________________________ (2)

**(Total = 18-il marka)**

## TAQSIMA 5 - STUDJU DETTALJAT DWAR L-ORDNI TA' SAN ĠWANN

**8. Ħares sewwa lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**



8.1 Is-sors juri l-Granmastru ___________________ dieħel fil-belt ta' ____________

fl- ______________ . (3)

8.2 Agħti raġuni għaliex il-Kavallieri marru joqogħdu l-Birgu.

______________________________________________________________________ (2)

8.3 X'bini ġdid bnew f'din il-belt għall-użu tagħhom? _______________________ (1)

8.4 Kif saħħew id-difiża tal-Birgu qabel l-Assedju l-Kbir?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8.5 X'rabta kien hemm bejn il-Kruċjati u l-Ordni ta' San Ġwann?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8.6 X'kien sar mill-Kavallieri ta' San Ġwann meta dawn tkeċċew mill-Art Imqaddsa fl-1291?

______________________________________________________________________ (2)

8.7 Kif intemmet il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann fil-gżira ta' Rodi fl-1522?

______________________________________________________________________ (2)

8.8 Semmi **tliet** vantaġġi li kisbu l-Maltin bil-miġja tal-Kavallieri.

______________________________________________________________________ (2)

______________________________________________________________________ (2)

______________________________________________________________________ (2)

**(Total = 20 marka)**

**9. Ikteb fit-tul dwar wieħed minn dawn it-temi.**

9.1 Immaġina li int kont wieħed mill-Kavallieri Normanni li ġejt Malta mal-Konti Ruġġieru fl-1091. X'kont tirrakkonta dwar dak li rajt fil-mawra tiegħek fil-gżejjer Maltin ta' dak iż-żmien? X'kont tgħid dwar il-ftehim li għamel il-Konti mal-mexxejja Għarab ta' Malta u Għawdex?

9.2 X'kienu l-Kruċjati? Għaliex saru? Irnexxielhom jilħqu l-għan tagħhom jew fallew għal kollox? X'kienu r-raġunijiet li minħabba fihom il-Kruċjati spiċċaw?

9.3 Ir-Rinaxximent ġab qawmien mill-ġdid fiċ-ċiviltà fl-Ewropa tal-Punent. Kemm taqbel ma' din l-affermazzjoni.

9.4 Iddeskrivi wħud mill-ġrajjiet ewlenin li seħħew matul l-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

(Total = 15-il marka)